MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Numru. 1138/2009

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cachia)
vs
Dunstan Cassar, iben John, imwieledPieta’ fis-7 ta’ Ottubru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta’ Ottubru, 2009 għal ħabta tas-7.15 p.m. fi Pjazza Sciortino, Żebbuġ bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarreta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Priscilla Muscat kontra l-volonta’ tagħha;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Priscilla Muscat skont kif iċċertifika Dr. Paul Scarrow M.D.;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi uża vjolenza sabiex iġiegħel lil Priscilla Muscat tagħmel, tħalli jsir, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Priscilla Muscat b'mod li kien jaf jew missu li kien jaf li dan kien ta' fastidju għal l-istess Priscilla Muscat;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża lil Priscilla Muscat li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra Priscilla Muscat sabiex jiġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lill-istess persuna;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi hedded lil Priscilla Muscat;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 221(1), 251, 251A, 251B, 338(dd) u 339(1)(d)(e)(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija tiegħu. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------